Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10521 — ORANGE / PUBLICIS / VOILA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 476/08)

1. Fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Orange Participations S.A. (Franza), proprjetà ta' Orange S.A. ("Orange", Franza),

— Multi Market Services France Holdings S.A.S. (Franza), li tappartjeni għal Publicis Group S.A. ("Publicis", Franza),

— RAPP 85 S.A.S. ("Voila" ou "Entreprise commune", Franza).

Orange u Publicis jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Voila.

Il-konċentrazzjoni tinkiseb permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija preeżistenti li qatt ma kienet attiva biex tifforma impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet ta' negozju tal-impriżi konċernati huma:

— Orange: operatur tat-telekomunikazzjonijiet attiva f'ħafna pajjiżi. B'mod partikolari, Orange tipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, prinċipalment fil-qasam tat-telefonija fissa, l-Internet u t-telefonija ċellulari. Orange tipprovdi wkoll soluzzjonijiet tekniċi (network u media) ddedikati għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi, istituzzjonali, professjonali jew tal-media permezz tal-Unità Kummerċjali tagħha Orange Events.

— Publicis: operatur attiv fis-settur tal-komunikazzjoni u r-reklamar. Publicis taħdem ukoll bħala aġenzija tal-avvenimenti permezz tas-sussidjarja tagħha PublicisLive France, li hija stess hija 100 % proprjetà ta' Multi Market Services France Holdings.

— Voila: impriża bi sħab futura biex tikkummerċjalizza lill-professjonisti pjattaforma cloud għall-produzzjoni ta' avvenimenti ibridi, aċċessibbli f'Software bħala servizz (software as a service, "SaaS").

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jippreżentaw il-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10521 — Orange/Publicis/Voila

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' ħawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24 du 29 ta' Jannar 2004, p. 1 ((ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366 tal-14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles
BELGIQUE